



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14120/22

LIMITE

CORLX 1006
CFSP/PESC 1444
CONOP 116
CODUN 52
CONUN 258
COLAC 60

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2108 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Amerka Latina f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2108 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Amerka Latina f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2108¹, li tippredvi perjodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni, għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tiegħu.
- (2) Il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-ftehim jintemm fl-20 ta' Diċembru 2022.
- (3) Fit-12 ta' Settembru 2022, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Inter-Amerikan kontra t-Terroriżmu tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS/CICTE), li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2108, talab estensjoni mingħajr spejjeż ta' 14-il xahar tal-perjodu ta' implimentazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni. Din l-estensjoni tippermetti lill-OAS/CICTE jwettaq l-implimentazzjoni ta' diversi proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2019/2108 li l-implimentazzjoni tagħhom kienet affettwata b'mod negattiv mill-pandemija tal-COVID-19.
- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2108 sal-20 ta' Frar 2024 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2019/2108 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2108 b'appoġġ għat-tishiġ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Amerka Latina f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 123).

Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2108 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fl-20 ta' Frar 2024."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
